

Portabbiltà tas-servizzi tal-kontenut diġitali: Qbil bejn il- Presidenza tal-UE u l-Parlament

Fis-7 ta' Frar, il-Presidenza Maltija laqgħet qbil proviżorju mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew biex jitneħħew l-ostakli għall-portabbiltà transkonfinali tas-servizzi tal-kontenut online fis-suq intern.

Il-qbil, li għad irid jiġi kkonfermat mill-Kunsill kif ukoll mill-Parlament Ewropew, ser jippermetti li l-konsumaturi li jkunu xtraw jew abbonaw għal servizzi ta' kontenut onlajn f'pajjiżhom, ikollhom aċċess għalih meta jkunu temporanjament f'pajjiż ieħor fl-UE.

"Ewropej li jkunu qed jivvjaġġaw fl-UE mhux ser jibqgħu m'caħħda minn servizzi online bħal films, xandiriet sportivi, mużika, kotba elettroniċi jew logħob li jkunu f'haġġ għalihom f'pajjiżhom. Flimkien mat-tmiem tat-tariffi tar-roaming, dan huwa progress importanti fil-ħolqien ta' suq uniku diġitali ta' benefiċċju għal kulħadd."

Chris Cardona, Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħira ta' Malta.

Vjaġġar b'abbonamenti għal servizzi online

Iż-żieda fl-użu ta' apparat portabbli, bħal tablets u smartphones, tiffaċilita l-aċċess għall-użu ta' servizzi ta' kontenut online irrispettivament minn fejn jinsabu l-konsumaturi.

Min-naħa tal-konsumaturi, hemm domanda li qed tikber b'rata mgħaġġla għall-aċċess għal kontenut u għal servizzi online innovattivi, mhux biss f'pajjiżhom iżda wkoll meta jkunu lil hinn minn darhom. Minħabba f'hekk, l-ostakli li jfixklu l-aċċess u l-użu ta' servizzi ta' kontenut online fis-suq uniku ser jiġu eliminati.

Ir-regolament il-ġdid jagħmel parti mill-inizjattivi tas-suq uniku diġitali biex jinħoloq suq intern reali għal kontenut u servizzi diġitali. Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta oriġinali f'Diċembru 2015.

Kamp ta' applikazzjoni

Ir-regolament il-ġdid ser japplika għal servizzi ta' kontenut online li huma pprovduti bi f'haġġ. Is-servizzi ta' xandir fuq bażi bla f'haġġ, bħal xandir pubbliku, ser ikunu jistgħu jibbenefikaw mir-regolament dment li jivverifikaw il-pajjiż tar-residenza tal-abbonati tagħhom.

L-ostakli attwali għall-portabbiltà transkonfinali ta' servizzi ta' kontenut online jirriżultaw mill-fatt li d-drittijiet għat-trasmissjoni ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-awtur u/jew drittijiet relatati, bħal xogħlijiet awdjoviżivi kif ukoll drittijiet għal avvenimenti sportivi b'valur kummerċjali kbir spiss jingħataw liċenzja fuq bażi territorjali.

Pajjiż ta' residenza

Il-miżuri l-ġodda ser jiżguraw aċċess ugwali minn barra l-pajjiż għal kontenut li jkun ġie legalment akkwistat jew abbonat mill-konsumatur fil-pajjiż ta' residenza tiegħu, meta dan ikun temporanjament preżenti fi Stat Membru ieħor, pereżempju għal btajjel, vjaġġi ta' negozju jew soġġorni limitati ta' studenti.

Sabiex jiġu evitati l-abbużi, il-fornituri tas-servizz ser jivverifikaw il-pajjiż ta' residenza tal-abbonati. Il-verifika ser jitwettqu f'konformità mar-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Dħul fis-seħħ

Wara l-approvazzjoni formali ta' dan ir-regolament mill-Kunsill u l-Parlament, is-sistema l-ġdida ser tibda tapplika disa' xhur wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

- [Proposta tal-Kummissjoni](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press